MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2002

Rikors Numru. 35/2002/1

**Marthese Mifsud, Marion Borg u Josette Galea**

**Vs**

**Alfred u Josephine konjugi Ellul**

Il-Bord,

Ra r-rikors;

Illi huma jikru l-fond 17 Triq Santa Venera Msida lill-intimat, bil-kera ta' Lm55 kull sitt xhur, prossima skadenza 7 ta' Lulju 2002;

Illi l-intimati naqsu li jhallsu l-iskadenzi tas-7 ta' Lulju 2000, u 7 ta' Jannar 2001, 7 ta' Lulju 2001 u 7 ta' Jannar 2002 nonostante li gew interpellati biex jaghmlu dan;

Ghaldaqstant bir-rispett jitolbu li dan il-Bord joghgbu jawtorizzahom jirriprendu l-pussess tal-istess fond 17 Triq

Santa Venera Msida u jipprefiggi terminu perentorju li fih l-intimati ghandhom jisgombraw mill-istess fond.

Bl-ispejjes.

Ra l-atti kollha.

Ra li dehret ir-rikorrenti fis-seduta ta’ llum mghejjuna mill-avukat taghha.

Ra li l-intimati debitament notifikati la pprezentaw risposta u lanqas dehru ghas-seduta ta’ llum.

Ra l-art 30 tal-Kap 69.

Jilqa’ t-talba tar-rikorrenti u jawtorizzahom jirriprendu pussess tal-fond 17, Triq Santa Venera Msida; ghal ghan ta’ l-izgumbrament jipprefiggi t-terminu ta’ xahar millum; l-ispejjez jithallsu mill-intimati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------